

Brussell, 9 ta' Ottubru 2018  
(OR. en)

12948/18

ENV 650  
AGRI 456  
FORETS 43  
PI 142  
PECHE 390  
RECH 420  
ONU 86  
CADREFIN 250

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 9 ta' Ottubru 2018

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 12808/18

---

Suġġett: Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB):

- Tħejjija tal-Erbatax-il Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 14) għall-KDB
- Tħejjija tad-Disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza (COP-MOP 9)
- Tħejjija tat-Tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji (COP-MOP 3)

(Sharm El-Sheikh, l-Eġittu, 17-29 ta' Novembru 2018)

= Konklużjonijiet tal-Kunsill

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-[Anness](#) il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-laqqgħat tal-KDB imsemmija hawn fuq, adottati mill-Kunsill fit-3640 laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Ottubru 2018.

**Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB):**

**Tħejjija tal-Erbatax-il Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 14) għall-KDB**

**Tħejjija tad-Disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza (COP-MOP 9)**

**Tħejjija tat-Tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji (COP-MOP 3)**

**(Sharm El-Sheikh, l-Eġittu, 17-29 ta' Novembru 2018)**

**- Konklużjonijiet tal-Kunsill -**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:**

1. JIRRIKONOXXI li sar ħafna progress biex jintlaħqu ċerti partijiet tal-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011-2020 u tal-Miri ta' Aichi għall-Bijodiversità li fih; madankollu, billi l-progress biex jintlaħqu għadd ta' miri huwa ġeneralment nieqes, JAPPELLA għal aktar sforzi biex il-Miri ta' Aichi għall-Bijodiversità jintlaħqu kompletament;
2. HUWA MĦASSEB SERJAMENT li l-bażi tar-riżorsi naturali u s-servizzi tal-ekosistema li fuqhom tiddependi l-umanità jinsabu friskju kbir u li l-biċċa l-kbira tal-forzi li qed iwasslu għat-telf tal-bijodiversità għadhom qed jiżdiedu, bir-riżultat li l-kisba ta' ħafna mill-miri globali, reġjonali u nazzjonali għall-bijodiversità, kif ukoll tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), tinsab mhedda; il-forzi ewlenin li qed jagħfsu fuq il-bijodiversità huma t-telf tal-habitat u t-tibdil tiegħu, id-degradazzjoni tal-art, it-tibdil fil-klima, l-ispeċijiet aljeni invażivi, it-tniġġis fuq l-art u l-baħar, inkluż il-plastik u s-sustanzi kimiċi, u l-użu insostenibbli tal-bijodiversità; JENFASIZZA li ħafna minn dawn huma wkoll sorsi ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem;
3. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE biex fis-sentejn li ġejjin iżidu l-azzjonijiet tagħhom u jagħmlu kull sforz biex jikkumbattu l-forzi ewlenin li qed iwasslu għat-telf tal-bijodiversità u jimplementaw bis-sħiħ l-Istrateġiji u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Bijodiversità (NBSAPs) u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2020, u jilħqu l-Miri ta' Aichi għall-Bijodiversità;

## Il-qafas globali tal-bijodiversità wara l-2020

4. JAPPELLA għall-adozzjoni ta' segwitu ambizzjuż għall-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011-2020 li jipprevedi qafas globali għall-bijodiversità madwar in-NU u għall-partijiet ikkonċernati kollha biex tinkiseb il-Viżjoni 2050 għall-bijodiversità; dak il-qafas għandu jsaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) u l-Protokoll tagħha, kif ukoll il-ftehimiet ambjentali multilaterali (MEAs) l-oħra marbuta mal-bijodiversità u l-SDGs rilevanti; il-qafas għandu jpoġġi lill-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema 'l fuq fl-aġendi politiċi; għandu jinkludi miri li huma ambizzjużi, realistiki, u kemm jista' jkun, li jistgħu jitkejlu u li huma marbuta biż-żmien, waqt li jsaħħaħ u jkompli jibni fuq il-Miri attwali ta' Aichi, imexxi l-azzjoni 'l quddiem u jippermetti li l-progress ikun segwit b'mod effettiv;
5. JISSOTTOLINJA li l-proċess li għandu jiġi adottat fil-COP 14 ta' tnejn għal qafas globali tal-bijodiversità wara l-2020 għandu jkun komprensiv, inklużiv u parteċipattiv kif ukoll sensitiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru; għandu jinkludi proċess ta' tnedija ta' impenji volontarji mill-Partijiet, b'mod individwali jew f'koalizzjoni, waqt COP 15, jew qabilha, jekk il-Partijiet ikunu lesti li jagħmlu dan, sabiex jiffaċċaw l-isfidi marbuta mal-bijodiversità; l-impenji jiġu integrati fi proċess globali ta' implimentazzjoni u monitoraġġ u magħhom ikun hemm proċess ta' rieżami miftuħ u trasparenti; JINKORAĠĠIXXI aktar diskussjoni dwar l-iżvilupp ta' impenji konġunti tal-UE li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politiki komuni tal-UE marbuta mal-bijodiversità;
6. JISSOTTOLINJA r-rwol sinifikanti li atturi mhux statali jistgħu jaqdu fit-tisħiħ tal-implimentazzjoni ta' qafas globali tal-bijodiversità wara l-2020; JINKORAĠĠIXXI impenji volontarji mill-atturi rilevanti u mill-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż minn popli indiġeni u komunitajiet lokali kif ukoll mis-settur privat; l-impenji volontarji mill-Partijiet, mill-partijiet ikkonċernati u mill-atturi jistgħu flimkien jibnu aġenda globali għall-bijodiversità li tiġbor fiha koalizzjonijiet u sħubiji eżistenti u potenzjalment ġodda;

7. JAPPELLA biex is-Sitt Rapport Nazzjonali jintbagħat fil-ħin sabiex ikun żgurat li l-qafas il-ġdid ikun imsejjes fuq l-esperjenzi fl-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011-2020; barra minn hekk, il-proċess ta' ttejjija ta' qafas globali tal-bijodiversità wara l-2020 għandu jieħu kont ukoll tal-valutazzjonijiet, l-indikaturi, l-esperjenzi miksuba u l-attivitajiet imwettqa f'fora reġjonali u internazzjonali oħra rilevanti;
8. JAPPOĠĠA l-ħtieġa li l-implimentazzjoni ta' qafas tal-bijodiversità globali għal wara l-2020 issir flimkien ma' proċess ta' rieżami perjodiku, miftuħ u trasparenti bħala parti minn dak il-qafas u JAQBEL dwar il-ħtieġa li jkompli jiżviluppa l-approċċ ta' rieżami multidimensjonali skont il-Konvenzjoni, inkluż ir-rieżami volontarju bejn il-pari ta' wieħed mill-elementi tiegħu;
9. JISĦAQ fuq l-importanza tal-appoġġ lill-iżvilupp ta' qafas globali tal-bijodiversità wara l-2020 permezz ta' sforzi ta' komunikazzjoni speċifiċi u mifruxa fil-livelli kollha, li jibnu fuq strateġiji ta' komunikazzjoni eżistenti sabiex jinbena momentum, titqajjem kuxjenza pubblika u politika, jinġabru kontributi u tissaħħaħ l-implimentazzjoni sussegwenti; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li fl-2020 jitlaqqa' summit dwar il-bijodiversità fil-livell tal-kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern sabiex tissaħħaħ il-viżibbiltà politika tal-bijodiversità u l-kontribut vitali tagħha għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli; barra minn hekk JISĦAQ fuq l-importanza tar-riċerka li tirded il-ħidma skont il-Konvenzjoni;

**Integrazzjoni**

10. JENFASIZZA li l-integrazzjoni effettiva tal-bijodiversità fost is-setturi hija essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u tal-Miri ta' Aichi għall-Bijodiversità, għall-kisba tal-SDGs u għall-kontribut għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi; JAFFERMA MILL-ĠDID li l-NBSAPs huma l-istrument ewlieni għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u għall-integrazzjoni tal-bijodiversità fost is-setturi rilevanti kollha; JISĦAQ ukoll fuq il-bżonn urġenti ta' bidla trasformattiva fl-użu u l-immaniġġar tal-bijodiversità u l-ekosistemi u fix-xejriet tal-produzzjoni u tal-konsum, inkluż il-bidliet fl-imġiba u fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha; barra minn hekk, JAGĦRAF ir-rwol tal-istrumenti legali, tal-istrateġiji integrati tal-ambjent u l-iżvilupp, u tal-governanza tajba għall-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet dwar il-bijodiversità fis-setturi rilevanti kollha sabiex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità u jibqgħu jingħataw is-servizzi tal-ekosistema;
11. KONXJU li l-kisba tal-Mira 3 ta' Aichi, b'mod partikolari dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-inċentivi ta' ħsara għall-bijodiversità u dwar l-iżvilupp ta' inċentivi pożittivi għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità sal-2020 fil-politiki settorjali kollha, hija marbuta sew mal-integrazzjoni effettiva tal-bijodiversità;
12. JAPPELLA għall-adozzjoni ta' approċċ strateġiku fit-tul dwar l-integrazzjoni skont il-KBD, u li l-integrazzjoni tal-bijodiversità tiddaħħal kollha kemm hi fil-qafas globali tal-bijodiversità wara l-2020; barra minn hekk JAPPELLA għal deċiżjoni ta' COP 14 dwar il-prijoritajiet għal integrazzjoni effikaċi fis-setturi tal-enerġija u tal-minjieri, l-infrastruttura, il-manifattura u l-ipproċessar u s-saħħa, sabiex tikkomplementa d-Deċiżjoni ta' COP 13 dwar l-integrazzjoni fl-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd u t-turiżmu;
13. Fil-kuntest tal-integrazzjoni tal-bijodiversità, JAPPELLA wkoll għall-akkwist responsabbli u sostenibbli ta' materja prima li jsir bla ħsara għall-ħarsien tal-ekosistemi u tal-bijodiversità fil-pajjiżi ta' orijini u JISĦAQ fuq il-hteġa ta' governanza responsabbli u sostenibbli fis-setturi rilevanti b'appoġġ għat-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari;

14. JISĦAQ fuq ir-rwol importanti li għażliet innovattivi, bħal soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jew l-agroekoloġija, jistgħu jaqdu fl-operazzjonalizzazzjoni tal-integrazzjoni tal-bijodiversità u fl-istess ħin jintlaħqu objettivi ambjentali oħra;
15. JILQA' l-inizjattiva tal-gvern tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu li jospita laqgħa ta' livell għoli fil-kuntest ta' COP 14, biex tkun diskussa l-integrazzjoni tal-bijodiversità fl-enerġija u l-minjieri, l-infrastruttura, il-manifattura u l-ipproċessar u s-saħħa, anke fil-kuntest tal-Aġenda 2030 u l-SDGs; barra minn hekk, JILQA' t-tnejn ta' Dikjarazzjoni ta' Livell Għoli li tindirizza l-bijodiversità fil-kuntest tax-xejriet ambjentali, soċjali u ekonomiċi mbassra, kif ukoll l-impenji u l-proċessi aktar b'saħħithom biex ikunu implimentati l-Konvenzjoni u tal-Protokolli tagħha u jiġu rduppjati l-isforzi biex jintlaħqu l-Miri ta' Aichi għall-Bijodiversità;
16. JAPPOĠĠA l-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni globali għall-integrazzjoni tal-bijodiversità u r-rabtiet tagħha mas-saħħa fil-politiki, l-istrateġiji, il-programmi u l-kontijiet rilevanti tal-Partijiet għall-KBD, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti, bħad-WHO u partijiet ikkonċernati oħra;

## **II-Mobilizzazzjoni tar-Riżorsi u l-Mekkaniżmu Finanzjarju**

17. JENFASIZZA li l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi jeħtieġ li tkun parti integrali mill-qafas globali tal-bijodiversità wara l-2020 u għandha tibni fuq l-esperjenzi tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Mobilizzazzjoni tar-Riżorsi għall-2008, li tinkludi l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi (finanzjarji, umani, tekniċi u istituzzjonali) mis-sorsi kollha, inkluż mir-riżorsi domestiċi u mis-settur privat, kif ukoll l-użu effiċjenti u mmirat tar-riżorsi disponibbli; f'dan il-kuntest JISSOTTOLINJA l-kobenefiċċji offruti minn proġetti li b'mod konġunt jindirizzaw il-ħarsien tal-bijodiversità u kwistjonijiet ambjentali oħra, inkluż it-tibdil fil-klima, id-deżertifikazzjoni u d-deforestazzjoni;
18. JILQA' l-konklużjoni b'suċċess tas-seba' rikostituzzjoni tal-Fond Fiduċjarju tal-Fond għall-Ambjent Dinji u li d-direzzjonijiet għall-programmazzjoni tal-bijodiversità fis-seba' rikostituzzjoni tal-Fond Fiduċjarju jirriflettu l-gwida tal-KBD;

## **Tisħiħ tal-kapaċitajiet**

19. JENFASIZZA li t-tisħiħ tal-kapaċità jeħtieġ li jkun parti integrali tal-qafas globali tal-bijodiversità wara l-2020 u f'koerenza u koordinazzjoni sħiħa mal-proċess ġenerali għal qafas wara l-2020 bħal dan; JILQA' t-tħejjija ta' qafas strateġiku fit tul għat-tisħiħ tal-kapaċità wara l-2020 u JENFASIZZA l-ħtieġa ta' bażi ta' għarfien soda biex fuqha jissawru l-prijoritajiet u l-mekkaniżmi eżekuttivi;

## **Sinerġiji**

20. JISSOTTOLINJA l-importanza kontinwa tal-kooperazzjoni fost l-MEAs, il-Konvenzjonijiet ta' Rio, il-Programm tan-NU għall-Ambjent u korpi u proċessi oħra tan-NU u, f'dan ir-rigward, JAPPELLA għall-implimentazzjoni urġenti tal-pjan direzzjonali għaż-żieda fis-sinerġiji, il-koerenza u l-kooperazzjoni effikaċi fost l-MEAs relatati mal-bijodiversità sabiex tissaħħaħ il-kontribuzzjoni ta' dawn l-istrumenti għall-qafas globali tal-bijodiversità wara l-2020 u r-realizzazzjoni tal-Aġenda 2030;

## **Tibdil fil-Klima**

21. JISSOTTOLINJA r-rabtiet qawwija bejn il-politiki u l-proċessi biex jintlaħqu l-obiettivi tal-KDB, il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi, il-UNCCD kif ukoll il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri; JENFASIZZA li r-restawr tal-ekosistema, il-konservazzjoni u l-approċċi bbażati fuq l-ekosistemi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti, b'mod kosteffettiv, lill-isforzi tal-pajjiżi biex iżommu ż-żieda fit-temperatura medja dinjija għal ferm anqas minn 2°C ogħla mil-livelli preindustrijali u biex jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura għal 1.5°C ogħla mil-livelli preindustrijali, filwaqt li jappoġġaw l-obiettivi tal-bijodiversità; JAPPELLA għat-tisħiħ fil-kooperazzjoni u s-sinerġiji bejn l-istrumenti u l-proċessi rilevanti, inkluż bl-użu ta' rapporti rilevanti mwettqa mill-IPCC u IPBES; JINNOTA l-importanza li jkunu żgurati l-integrità tal-ekosistemi u l-ħarsien tal-bijodiversità meta tittieħed azzjoni biex ikun indirizzat it-tibdil fil-klima;

22. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jsiru sforzi favur sinerġiji u kooperazzjoni bejn il-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-art u d-deżertifikazzjoni u l-proċessi relatati mat-tibdil fil-klima; u JAPPOĠĠA l-adozzjoni tal-gwida volontarja dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' approċċi bbażati fuq l-ekosistemi għall-adattament għat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri;

### **Żoni Protetti u miżuri oħrajn ta' konservazzjoni effettivi skont iż-żona (OECMs)**

23. JILQA' l-progress li sar fl-istabbiliment, il-ġestjoni u t-titjib tal-governanza ta' żoni protetti bħala strateġija ewlenija għall-konservazzjoni tal-bijodiversità; JILQA' wkoll id-definizzjoni u l-kriterji għall-OECMs u JIRRIKONOXXI l-OECMs bħala approċċ komplementari li jista' jtejjeb il-konnettività u l-koerenza tan-netwerks ta' żoni protetti u jista' jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-bijodiversità fis-setturi rilevanti u l-kisba tal-Miri ta' Aichi 5, 7, 11 u 15; JISĦAQ fuq il-fatt li kull OECM jenħtieġ li tikkontribwixxi, u mhux ixxeġ, l-oġġettivi relatati ma' żoni protetti; JENFASIZZA l-importanza li jiġu integrati ż-żoni protetti u l-OECMs fil-proċessi tal-ippjanar spazjali; JIRRIKONOXXI r-rilevanza ta' esperjenzi u attivitajiet imwettqa f'fora reġjonali u internazzjonali rilevanti, bħall-Programm tal-UNESCO "Il-Bniedem u l-Bijosfera" u n-Netzwerk Dinji ta' Riżervi tal-Bijosfera tiegħu;

### **Bijodiversità Marittima u Kostali**

24. IFAKKAR li r-risoluzzjoni 72/73 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tirriafferma li l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tistabbilixxi l-qafas legali li fih iridu jitwettqu l-attivitajiet kollha fl-oċeani u l-ibħra;



25. JILQA' l-progress fl-istabbiliment ta' żoni protetti f'żoni marittimi u kostali, abbażi ta' informazzjoni xjentifika u teknika rilevanti inkluż l-informazzjoni disponibbli mill-proċess EBSA; JAPPOĠĠA l-inklużjoni tar-rapporti ta' sinteżi taż-żewġ sessjonijiet ta' ħidma dwar l-EBSAs fil-Baħar l-Iswed u l-Baħar Kaspju, u fil-Baħar Baltiku fir-repożitorju tal-EBSA, u JAPPOĠĠA l-iżvilupp ta' opzjonijiet biex tiġi mmodifikata d-deskrizzjoni tal-EBSAs u għad-deskrizzjoni ta' oqsma ġodda; jenħtieġ li l-proċess tad-deskrizzjoni multilaterali tal-EBSA u n-natura xjentifika u teknika tal-ambitu tal-EBSAs jiġu apprezzati bis-sħiħ fil-ħidma ulterjuri dwar l-EBSAs fi ħdan il-KDB;
26. JIKKONFERMA MILL-ĠDID l-prinċipju li d-deskrizzjoni ta' EBSAs ġodda u l-modifika ta' dawk eżistenti għandha tirrispetta bis-sħiħ is-sovranità, id-drittijiet sovrani u l-ġurisdizzjoni tal-istati kostali;
27. IĦEĠĠEĠ lill-Partijiet biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom fir-rigward tal-protezzjoni tal-bijodiversità f'żoni ta' ilma kiesaħ, rigward il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-impatti tal-iskart fil-baħar, inkluż mikroplastiki, u jindirizzaw l-impatti potenzjali ta' estrazzjoni minerarja f'qiegħ il-baħar fuq il-bijodiversità marittima; JINKORAĠĠIXXI ukoll aktar azzjoni biex jiġu evitati, minimizzati u mitigati l-impatti ta' storbju antropoġeniku ta' taħt il-baħar fuq il-bijodiversità marittima u kostali u fl-implimentazzjoni tal-ippjanar spazjali marittimu, abbażi tal-kompilazzjoni u s-sinteżi ta' informazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
28. JAPPELLA lill-Partijiet u gvernijiet oħra biex jagħmlu użu mill-informazzjoni miġbura dwar l-integrazzjoni tal-bijodiversità fl-attivitajiet tas-sajd, billi japplikaw l-approċċ ekosistemiku għas-sajd u JILQA' l-kontribut u l-parteċipazzjoni tal-KDB fil-Grupp ta' Esperti Ad Hoc Miftuħ tan-NU dwar l-Iskart fil-Baħar u l-Mikroplastiki;

## **Bijoloġija Sintetika**

29. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-proċess ta' identifikazzjoni ta' żviluppi ġodda fil-qasam tal-bijoloġija sintetika, inkluż dawk li jistgħu jirriżultaw mill-editjar tal-ġenomi, sabiex jiġi appoġġat il-proċess ta' analiżi prospettiva u JTENNI l-ħtieġa għal approċċ ikkoordinat, iffukat u mhux duplikattiv fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-bijoloġija sintetika skont il-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha;
30. JAFFERMA MILL-ĠDID li, fit-trattament ta' organiżmi, komponenti u prodotti tal-bijoloġija sintetika, u b'mod partikolari organiżmi li fihom stimoli ġenetiċi manipulati, għandu jiġi applikat l- approċċ prekawzjonarju kif deskritt fil-preambolu tal-Konvenzjoni; f'dan il-kuntest JIRRIKONOXXI li jista' jkun hemm impatti negattivi potenzjali fuq il-bijodiversità li tirriżulta minn dawn l-organiżmi;

## **Informazzjoni b'sekwenza diġitali**

31. JISĦAQ fuq ir-rieda tiegħu li jkompli d-diskussjonijiet dwar il-kwistjoni ta' "informazzjoni b'sekwenza diġitali" (DSI) mal-Partijiet l-oħrajn; FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li d-DSI mhix definita, iżda sservi ta' terminu ta' ħidma, u JAPPELLA lill-Partijiet kollha għall-Konvenzjoni biex japprofondixxu l-fehim tal-kwistjoni u l-aspetti relatati (bħal prattiki eżistenti f'bażijiet ta' data jew sistemi ta' traċċabbiltà u aspetti relatati mas-saħħa) kif ukoll li jitwessa' l-fehim tal-implikazzjonijiet possibbli tal-użu ta' informazzjoni b'sekwenza diġitali għat-tliet objettivi tal-Konvenzjoni;

## **Speċijiet Eżotiċi Invażivi**

32. IMĦASSEB dwar il-ftit progress fil-kisba tal-Mira 9 ta' Aichi, JISĦAQ fuq il-ħtieġa kontinwa ta' prijoritizzazzjoni tal-azzjoni fil-konfront ta' speċijiet eżotiċi invażivi; JILQA' l-gwida volontarja supplementari biex jiġu evitati l-introduzzjonijiet mhux intenzjonati ta' speċijiet eżotiċi invażivi assoċjati mal-kummerċ f'organiżmi ħajjin;

33. JILQA' ukoll il-proposta li jiġi stabbilit forum online u, soġġett għad-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji, Grupp Ad Hoc ta' Esperti Tekniċi biex ikopru oqsma li mhumiex parti mill-"Evalwazzjoni tematika ta' speċijiet eżotiċi invażivi u l-kontroll tagħhom" li jmiss mill-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (IPBES), b'mod partikolari u analiżi tar-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kosteffettività u l-kummerċ elettroniku;

## **Dakkara**

34. JINSAB IMĦASSEB ĦAFNA dwar it-tnaqqis tad-dakkara slavaġ, li huma fundamentali għall-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika, il-funzjonament tal-ekosistemi terrestri naturali u l-forniment ta' servizzi ewlenin tal-ekosistema, bħall-produzzjoni tal-ikel;
35. Għalhekk, JAPPELLA GĦAL miżuri effettivi biex jiġi indirizzat it-tnaqqis tad-dakkara, u f'dan il-kuntest JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni adottata reċentement dwar inizjattiva tal-UE dwar id-dakkara u l-oġettivi tagħha, li tappella għal approċċ integrat u użu aktar effettiv tal-għodod u l-politiki eżistenti; JILQA' ukoll it-tliet prijoritajiet tagħha biex jiġi indirizzat it-tnaqqis tad-dakkara fl-UE u l-kontributi għal sforzi ta' konservazzjoni globali, bħall-Pjan ta' Azzjoni 2018-2030 tal-KDB għall-Inizjattiva Internazzjonali għall-Konservazzjoni u l-Użu Sostenibbli tad-Dakkara;
36. JILQA' l-Koalizzjoni tal-Voluntiera dwar id-Dakkara stabbilita f'COP 13 tal-KDB u JINKORAĠĠIXXI lill-Partijiet l-oħrajn għall-KDB biex jissieħbu fil-Koalizzjoni u jieħdu miżuri għall-konservazzjoni tal-pollinatori;
37. JAPPELLA għall-implimentazzjoni rapida tal-azzjonijiet rilevanti mill-UE u l-Istati Membri tagħha u l-integrazzjoni tal-ħtiġijiet tad-dakkara, kif ukoll għal miżuri biex jiġu trattati l-kawżi tat-tnaqqis, inkluż, fost oħrajn, it-telf ta' habitats u l-użu ta' pestiċidi ta' ħsara għad-dakkara, fl-oqfsa ta' politika rispettivi ta' wara l-2020; JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu indirizzati l-lakuni fl-għarfien u li l-għarfien dwar id-dakkara jiġi kkonsolidat u mqassam b'mod aktar ugwali; u JISSOTTOLINJA wkoll l-importanza ta' attivitajiet ta' monitoraġġ fit-tul fir-rigward tad-dakkara sabiex jiġu vvalutati l-istatus u t-tendenzi tagħhom;

## Kapitolu II - Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza

38. JISĦAQ fuq l-importanza li l-Protokoll jiġi implimentat b'mod effettiv mill-Partijiet kollha kif ukoll dwar il-ħtieġa li titkompla l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tiegħu għall-perijodu 2011-2020, biex tkompli u tissaħħaħ il-ħidma, jiżdiedu s-sinerġiji, il-koerenza u l-kooperazzjoni effettiva b'mod konsistenti fil-livelli kollha, u JINKORAĠĠIXXI lill-Partijiet u jistieden lil gvernijiet oħrajn biex jinkludu l-bijosikurezza fl-NBSAPs tagħhom u/jew fil-Politiki, il-Pjanijiet u l-Programmi Settorjali u Transsettorjali Rilevanti;
39. JILQA' l-isforzi mwettqa taħt il-KDB biex jiġi żviluppat Qafas għall-Bijodiversità komprensiv għall-perijodu wara l-2020 u JISĦAQ fuq il-ħtieġa tal-integrazzjoni tal-Protokoll ta' Kartaġena f'dan il-proċess;
40. JISĦAQ fuq l-importanza li jiġi żviluppat segwitu speċifiku għall-Pjan Strateġiku għall-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza għall-perijodu 2011-2020 li jikkumplementa u jkun ankrat<sup>1</sup> fil-qafas għall-bijodiversità globali wara l-2020 sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Protokoll għall-perijodu wara l-2020;
41. JINNOTA BI TĦASSIB ir-rata aktar baxxa ta' preżentazzjoni tat-tielet rapport nazzjonali, u JĦEĠĠEĠ lill-Partijiet għall-Protokoll ta' Kartaġena li għadhom ma ppreżentawx ir-rapport nazzjonali tagħhom biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli;
42. JILQA' l-ikkombinar tar-Raba' Valutazzjoni u Reviżjoni tal-Protokoll ta' Kartaġena mal-evalwazzjoni finali tal-Pjan Strateġiku għall-perijodu 2011-2020 u l-proċess propost; u JISĦAQ fuq l-importanza tal-involviment tal-Kumitat ta' Konformità u l-Grupp ta' Kuntatt dwar it-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet f'dan il-proċess;

---

<sup>1</sup> Is-segwitu għandu jassisti fl-implimentazzjoni tal-qafas għall-bijodiversità wara l-2020 u jipprovdi azzjonijiet u prijoritajiet konkreti għall-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Kartaġena.

43. JINNOTA r-rwol eminenti li għandu ċ-Ċentru ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar il-Bijosikurezza (BCH) fl-implimentazzjoni tal-Protokoll u JTENNI l-importanza li l-Partijiet kollha jirreġistraw l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-bijosikurezza u jżidu l-iskambju ta' esperjenzi u JISĦAQ fuq l-importanza tal-ħidma tal-Kumitat ta' Konsulenza Informali (BCH-IAC) li tiżgura titjib kostanti tal-BCH;
44. ITENNI l-importanza kruċjali tal-valutazzjoni tar-riskji ambjentali f'deċiżjonijiet relatati mal-organiżmi ħajjin modifikati (LMOs) u JILQA' l-attivitajiet intersessjonali tal-forum online miftuħ dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji u l-Ġestjoni tar-Riskji, kif ukoll id-diskussjonijiet fl-Entità Sussidjarja fuq il-Parir Xjentifiku, Tekniku u Teknoloġiku (SBSTTA);
45. JILQA' l-ħidma tal-Grupp Ad Hoc ta' Esperti Tekniċi (AHTEG) dwar il-kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi fil-perijodu intersessjonali;
46. ITENNI l-ħtieġa li jitkomplew l-attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Kartaġena;
47. JILQA' d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Supplimentari ta' Nagoya-Kuala Lumpur dwar ir-Responsabbiltà u r-Rimedju, u JISĦAQ fuq l-importanza tal-implimentazzjoni effettiva tiegħu;
48. JILQA' r-ratifiki tal-Protokoll Supplimentari u JAPPELLA lill-Partijiet kollha għall-Protokoll ta' Kartaġena li ma rratifikawhx jew ma aderixxewx għalih biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli;
49. JAPPELLA lil COP-MOP 9 biex tiegħu l-passi u d-deċiżjonijiet meħtieġa biex tkompli ssaħħaħ u timplimenta l-qafas tal-Protokoll ta' Kartaġena billi:
  - a) thegħeġ lill-Partijiet li għadhom ma ppreżentawx it-tielet rapport nazzjonali tagħhom jew rapport sħiħ biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli;

- b) tiddeċiedi li jiġi stabbilit proċess strutturat għall-identifikazzjoni u l-prijoritizzazzjoni ta' kwistjonijiet speċifiċi dwar il-valutazzjoni tar-riskji tal-LMOs għall-kunsiderazzjoni mill-COP-MOP bil-ħsieb li tiġi żviluppata aktar gwida dwar il-valutazzjoni tar-riskju dwar dawn il-kwistjonijiet identifikati; testendi l-forum online miftuħ u tistabbilixxi AHTEG dwar il-valutazzjoni tar-riskju b'termini ta' referenza ċari għal dak il-għan;
- c) tiegħu nota tal-eżiti tal-AHTEG dwar il-kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi u tikkunsidra aktar passi adatti sabiex jinkiseb l-oġettiv operazzjonali 1.7 tal-Pjan Strateġiku għall-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza (2011-2020) fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi billi testendi l-mandat tal-AHTEG sabiex tiġi s-supplimentata l-gwida żviluppata s'issa;
- d) tikkunsidra segwitu adatt għall-informazzjoni miġbura fil-qasam ta' movimenti transfruntieri mhux intenzjonati tal-LMOs u miżuri ta' emerġenza u d-detezzjoni u l-identifikazzjoni tal-LMOs, kif ukoll fil-qasam tat-transitu u l-użu kontrollat tal-LMOs;
- e) tiegħu deċiżjoni dwar il-proċess għal segwitu speċifiku għall-Pjan Strateġiku għall-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza għall-perijodu 2011-2020 li tikkumplementa u hija ankrata<sup>2</sup> fil-qafas għall-biodiversità globali wara l-2020;
- f) tiegħu deċiżjonijiet biex jippromwovv l-implimentazzjoni effettiva tal-Protokoll Supplimentari ta' Nagoya-Kuala Lumpur dwar ir-Responsabbiltà u r-Rimedju;

### **Kapitolu III - Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess u l-Osim ta' Benefiċċji**

50. JAPPELLA lill-Partijiet għall-KDB li għadhom ma rratifikawx jew għadhom ma aderixxewx għall-Protokoll ta' Nagoya biex jagħmlu dan u JHEĠĠEGĠ lill-Istati Membri tal-UE li għadhom ma għamlux dan biex jaċċelleraw l-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward mill-aktar fis possibbli;

<sup>2</sup> Is-segwitu għandu jassisti fl-implimentazzjoni tal-qafas għall-biodiversità wara l-2020 u jipprovdi azzjonijiet u prijoritajiet konkreti għall-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Kartaġena.

51. JAPPELLA lill-Partijiet kollha għall-Protokoll biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-Protokoll ta' Nagoya kompletament funzjonali billi jstabilixxu strutturi istituzzjonali domestiċi rilevanti, jadottaw u jimplimentaw miżuri leġislattivi, amministrattivi jew politiċi, inkluż miżuri ta' konformità, u jekk applikabbli, rekwiżiti trasparenti fir-rigward tal-aċċess, filwaqt li jfakkar li l-finanzjament mill-GEF huwa disponibbli biex jiġu stabbiliti oqfsa legali u regolatorji u proċeduri amministrattivi li jippermettu aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u l-qsim tal-benefiċċji f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Nagoya;
52. JISSOTTOLINJA li l-użu sħiħ taċ-Ċentru ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar l-Aċċess u l-Qsim ta' Benefiċċji (ABS) huwa essenzjali għall-implimentazzjoni effettiva tal-Protokoll ta' Nagoya, u għaldaqstant IHEĠĠEGĠ lill-Partijiet kollha biex jipubblikaw u jaġġornaw l-informazzjoni rikjesta mill-Protokoll ta' Nagoya fir-rigward taċ-Ċentru ta' Skambju ta' Informazzjoni, u JINKORAĠĠIXXI lill-Partijiet u lil dawk li mhumiex Partijiet biex jagħmlu l-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-ABS, li hija neċessarja għall-implimentazzjoni effettiva tal-Protokoll ta' Nagoya, inkluż l-aħjar prattiki u esperjenzi, disponibbli fiċ-Ċentru ta' Skambju ta' Informazzjoni;
53. JENFASIZZA l-ħtieġa li jinħolqu kondizzjonijiet biex tiġi promossa u inkoraġġita riċerka li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-KDB, u JISĦAQ fuq il-fatt li l-Partijiet għall-Protokoll għandhom jikkunsidraw miżuri simplifikati għall-aċċess għal riżorsi ġenetiċi għal finijiet mhux kummerċjali u jqisu l-importanza tar-riżorsi ġenetiċi għall-ikel u l-agrikoltura u r-rwol speċjali tagħhom fis-sigurtà alimentari, kif ukoll li jagħtu attenzjoni xierqa lill-każijiet ta' emerġenzi li jheddu jew jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem, tal-animali jew tal-pjanti meta jiżviluppaw u jimplimentaw il-leġislazzjoni jew ir-rekwiżiti regolatorji tagħhom dwar l-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji;
54. JINSAB LEST u huwa dispost li jikkontribwixxi aktar għall-ħidma internazzjonali sostantiva fuq miżuri li huma essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, bħal aktar titjib taċ-Ċentru ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar l-ABS, it-tiżni tal-kapaċitajiet u s-sensibilizzazzjoni;

55. JILQA' r-rakkomandazzjonijiet tal-SBI 2, b'mod partikolari dwar il-valutazzjoni u r-reviżjoni tal-effettività tal-Protokoll ta' Nagoya u dwar strumenti internazzjonali speċjalizzati fir-rigward tal-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji u JTENNI r-rieda li jiġu diskussi aktar il-kwistjonijiet relatati mal-Artikolu 10 tal-Protokoll ta' Nagoya, b'kont meħud li hija meħtieġa aktar esperjenza prattika fl-implimentazzjoni tal-Protokoll.

=====